MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 95/2010

**A B**
**vs**
**C D, assenti minn dawn il-gzejjer,**
**u li qed tigi rapprezentata f' dawn il-proceduri minn E D,**
**b' digriet moghti fil-15 ta' Marzu 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi hu u l-intimata kienu zzewgu fit-13 ta' Novembru, 1998 b' zwieg civili, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument A.

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel Luca, li ghandu hdax (11) –il sena.

Illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba vjolenza morali jew biza taht l-artikolu 19(1a) tal-Att Dwar iz-Zwigijiet.

Illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b' anomalija psikologija serja li ghamlithom impossibli li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex il-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga.

Illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex il-konjugi B kien marbut ma' kundizzjoni ghal futur.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara z-zwieg bejn il-konjugi B null u bla ebda effett u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1a) u/jew 19 (1d) u/jew 19 (1f) u/jew 19 (1g) ta' l-Att Dwar iz-Zwigijiet.

Bl-ispejjez u l-intimata ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta, debitament notifikata, ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat is-sentenzi moghtija mit-tribunali ekklezjastici, kemm tat-tribunal Metropolitan, kif ukoll tat-tribunal Regjonali, kif ukoll id-digriet ta' Ezekuttivita' datat 12 ta' Awwissu 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg civili tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-13 ta' Novembru 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-

partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi z-zwieg celebrat bir-rit religjuz diga' gie dikjarat null mit-tribunali ekklezjastici.

Illi mill-provi jirrizulta li sitt xhur wara li l-partijiet kienu bdew johorgu flimkien il-konvenuta kienet harget tqila, u sitt xhur wara, izzewgu. Jirrizulta li l-ebda wahda mill-partijet ma kienu ppreparati ghall-hajja konjugali.

Minn naha tieghu l-attur jghid li hu ma riedx li jizzewweg, u accetta li jizzewweg unikament that it-theddida da parti tal-konvenuta li kienet ser tirregistra lit-tarbija bhla wild ta' missier mhux maghruf. Minn naha taghha l-konvenuta wriet li hi kienet affetta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja konjugali.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenuta l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d], u fil-konfront ta' l-attur il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg civili kuntrattat bejn il-partijiet fit-13 ta' Novembru 1998.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------